# TRIBUNAL INDUSTRJALI

## DECIZJONI NUMRU 2613

**Kaz Numru 3512/CC**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Gregory Sherman (passport number EM715037)**

**u**

**Air X Charter Limited (C596161)**

**dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta**

**Chairman: Is-Sur Charles Cassar M.B.A.(Exec.), Dip.Lab.Stud., Cert.Mediator (UK)**

**Nhar l-Erbgha 25 ta' Settembru, 2019**

- **Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrjali permezz ta' nota pprezentata mill-Appellant Gregory Sherman fir-Registru tal-Qrati Superjuri nhar il-21 ta' Novembru, 2016, fejn sostna li l-impjieg tieghu ma kienx gie terminat minhabba kawza gusta u sufficjenti ai termini tal-ligi. Is-Socjeta''' ntimata min-naha l-ohra sostniet li t-terminazzjoni mill-impieg saret ghaliex l-imgieba u l-attitudni tieghu matul l-impjieg irrendewh mhux addattat sabiex jibqa' fl-impjieg.

It-Tribunal ha konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz kif prezentati miz-zewg partijiet, zamm tmien (8) seduti fejn sema' x-xhieda mressqa miz-zewg nahat, evalwa l-provi u d-dokumenti kollha kif esebiti, kif ukoll ha 'in konsiderazzjoni' l-argumenti kif ipprezentati fit-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri.

Ma kienx possibbli li t-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz fiz-zmien xahar kif stabbilit mil-ligi, minhabba limitazzjonijiet ta' facilitajiet amministrattivi.

- **Rapprezentanza**

Gregory Sherman li minn issa l-quddiem ser jissejjah l-Appellant kellu l-assitenza ta' Dr. Michael Camilleri u Dr. Christine Calleja.

Air X Charter Limited li minn issa l-quddiem ser tiissejjah s-Socjeta''' ntimata kienet irraprezentata minn Debbie Byrne assistita minn Dr. Andrew Borg Cardona.

**Fatti fil-qosor tal-kaz**

L-Appellant kien impjegat mas-Socjeta' ntimata nhar l-10 ta' Settembru, 2015, u dan bhala Kaptan tal-ajruplani Boeing 737-500.

L-impjieg tieghu gie mitmum bhala mizura dixxiplinarja in seguito ta' dak li l-kumpanija qieset bhala nuqqasijiet serji li sehhew nhar l-10 t'Ottubru, 2016, fl-ajruport ta' Aberdeen.

F'ittra mibghuta lilu minn Houssam Hazzoury *Group CEO*, l-Appellant gie nfurmat li l-impjieg tieghu ntemm b'effett mis-27 t'Ottubru, 2016.

- **Gabra fil-qosor tax-xhieda**

**Debbie Byrne** bdiet ix-xhieda taghha billi qalet li hija tokkupa l-kariga ta' *HR Manager* mas-Socjeta' ntimata u li ilha f'din il-kariga sa minn Frar 2016. Hija spjegat il-funzjoni tal-kumpanija li jikru ajruplani u jbieghu biljetti tal-ajru fuq skala ta' *VIP*. Hija tat dettalji tad-doveri li jkollu l-*crew* tal-ajruplan fosthom li l-pilota, kariga li kien jokkupa l-Appellant, ikun responsabbli li jikkomunika mall-*ground handlers* u fornituri tal-*fuel* u li jkun irid jaghmel l-ispezzjonar finali qabel it-titjijra. Hija spjegat li s-servizz li joffru jkun ifisser li persuni bhal l-Appellant ikunu joperaw minn *airfields* differenti b'mod irregolari.
Ix-xhud wara ghaddiet sabiex tikkwota minn sett ta' dokumenti esibiti konnessi mar-ragunijiet tat-tmiem tal-impjieg tal-Appellant. Hija spjegat li dokument minnhom jittratta fejn l-Appellant kien baghat *CV* tieghu lilha, u li minghalih kienet indirizzata lill-*HR* ta' Malat li kienet kumpanija kompetitura, fejn fiha kien wera li kien interessat li jahdem maghhom.
Wara x-xhud ghaddiet ghal dokument li kien jitratta incident li kien sehh fl-ajruport ta' Aberdeen.
Ix-xhud spjegat li qabel ma ttiehdet id-decizjoni li jigi mitmum l-impjieg tal-Appellant huwa kien inghata *letter of charge* fejn kien akkuzat bi *gross misconduct* relatata ma' ncidenti li huwa kellu. Ix-xhud qalet li huwa kien gie

mistieden sabiex jattendi laqgha sabiex ikollu cans jaghti l-verzjoni tieghu dwar l-incidenti li sehhew.

Ix-xhud qalet li peress li l-Appellant kien residenti fil-Belgju huwa kien offrut kemm il-vjagg bl-ajru u anke akkomodazzjoni f'Malta a spejjez tal-kumpanija. Ix-xhud qalet li l-Appellant ma ghamel l-ebda kuntatt u baqa' ma attendiex ghal-laqgha riferuta. Ix-xhud qalet li in seguito ta' dan kien gie deciz li jintemm l-impjieg tieghu.
Ix-xhud qalet li fil-parametri tal-kulturi procedurali wzati mill-kumpaniji tal-avjazzjoni fir-rigward ta' piloti u ufficcjali gholja, wara kull incident kienet giet attirata l-attenzjoni tal-Appellant.

**Houssam Hazzoury** beda x-xhieda tieghu billi qal li huwa jokkupa l-karigi ta' Direttur u *CEO* tas-Socjeta' ntimata. Huwa qal li jaf lill-Appellant bhala li kien impjegat mall-kumpanija bhala pilota ta Boeing 737, fejn serva ghal madwar sena.
Ix-xhud qal li l-impjieg tal-Appellant gie mitmum wara sensiela ta' ncidenti li huwa kien involut fihom. Huwa ghadda biex ta deskrizzjoni ta' dawn l-incidenti fejn semma fid-dettall incident li sehh meta l-appellant kien qed jaghmel vjagg bejn Parigi u l-Irlanda. Huwa qal li minkejja li l-Appellant kien konxju minn mankanza pjuttost serja minflok irritorna Parigi baqa' sejjer bil-vjagg bis-sogru li seta' nholoq incident gravi.
Ix-xhud qal li l-Appellant kien ingieb konxju ta' dan fejn anke kien ammetta li ma kienx segwa l-proceduri b'mod korrett, liema proceduri huma mahruga mis-*Safety Department* tal-kumpanija.
Ix-xhud qal li l-kumpanija kellha *operational manual* fejn hemm dokumentat il-*pre-flight check*. Huwa sahaq li tali ccekkjar irid isir mill-Kaptan tal-ajruplan.
Ix-xhud sahaq li li kieku sar l-iccekkjar skond dan il-manwal l-incident ta' Parigi ma kienx isehh.
Wara x-xhud ghadda sabiex jirreferi ghall-incident iehor li kien sehh fi Praga, fejn sehhet hsara fil-*gear system* tal-ajruplan, fejn apparti l-hsara, gew ikkagunati spejjez ohra amministrattivi lill-kumpanija.
Wara x-xhud ghadda ghall-incident iehor li sehh fl-ajruport ta' Aberdeen, fejn l-Appellant kien gab ruhu b'mod skorrett b'ghajjat u twerziq meta kien fuq il-*hangar*.
Ix-xhud qal li wara dan l-incident kienu stiednu lill-Appellant jattendi laqgha sabiex ikun ittrattat dan il-kaz pero' l-Appellant ma attendiex u kien wara dan li l-impjieg tieghu kien gie mitmum.
Ix-xhud qal li qabel id-data li kellu jsir dan is-smiegh, fuq Facebook l-Appellant kien xandar ix-xewqa tieghu li jhalli l-kumpanija. I-xhud spjega li wara dan huma kienu tal-fehma li dan l-impjieg ma setax jitkompla.
Ix-xhud qal li d-dettalji relatati mall-incidenti riferuti huma kollha dokumentati u huma ghad-disposizzjoni ta' dan it-Tribunal.

Ix-xhud qal li wara l-ewwel incident ma kienx inhareg *written warning*. Huwa spjega li fic-cirkostanza li kien l-ewwel incident tieghu ta' din in-natura, l-kaz kien gie ttrattat mis-*safety department* u dan sabiex ma tigix kompromessa l-kunfidenza tal-pilota.
Ix-xhud qal li anke t-tieni ncident kien ittrattat fl-livell dipartimentali fejn wara it-tielet incident irrizulta t-tmiem tal-impjieg.
Ix-xhud qal li dwar is-smiegh li kellu jsir, ix-xhud kien avzat xi jumejn qabel u li smiegh seta' jsir via Skype.
Mistoqsi jekk id-decizjoni li jintemm l-impjieg ittiehditx biss fuq il-verzjoni moghtija mill-*istaff* tal-ajruport ta' Aberdeen, ix-xhud qal li dwar l-incident ta' Aberdeen l-Appellant kien ta l-verzjoni tieghu via *E-mail.*
Huwa kompla li d-decizjoni li jintemm l-impjieg ittiehdet fil-konsiderazzjoni tat-tlett incidenti u x-xewqa espressa minnu (mill-Appellant) fuq *Facebook* li jixtieq ihalli l-kumpanija.
Ix-xhud qal li fis-sejha li kienet saritlu sabiex jattendi ghal-laqgha f'Malta ma kienx intqal lilu b'mod car li dan kien ser ikun smiegh dixxiplinarju li seta' jwassal ghat-tmiem tal-impjieg tieghu.

**Gregory Sherman** xehed kemm permezz ta' affidavit u anke in persona. Huwa qal li kien jahdem mas-Socjeta' ntimata bhala Kaptan tal-Boeing 737 u dan bejn l-10 ta' Settembru, 2015, sas-27 t'Ottubru, 2016. Prezentament huwa qal li qed jahdem ma' Maleth Aero bhala *Line Training Captain* u dan mill-25 ta' Jannar, 2017. Huwa qal li ilu jahdem bhala Kaptan tal-ajru ghal dawn l-ahhar 20 sena.
Ix-xhud sostna li Air X uzat biss l-incident li sehh nhar l-10 t'Ottubru, 2016, sabiex jiggustifikaw it-tkeccija tieghu. Tant li fil-*letter of charge* moghtija lilu ma jissemmiex xi ncident iehor. Ix-xhud qal li wara li huwa kien ta spjegazzjoni ta' kif sehh l-incident, Gregory Jardin, *Boeing Fleet Manager* kien heddu li jekk ma jirrizenjax minn rajh, il-kumpanija kienet ser tirvinalu l-karriera. F'dan il-kuntest huwa sahaq li l-kaz ta' Aberdeen kien l-uniku wiehed u qablu qatt ma kien inghata xi twissija.
Ix-xhud qal li wara din it-theddida, l-mara tieghu l-Avv. Carol De Roeck kienet gharrfet lill-kumpanija f'ismu li huwa ma kienx ser jirrizenja minn mall-kumpanija minghajr raguni u li jekk iriduh jirrizenja dan irid isir permezz ta' ftehim bonarju.
Ix-xhud sostna li kien wara dan il-kuntatt min-naha tal-avukat tieghu li l-kumpanija kienet harget il-*letter of charge* datata 19 t'Ottubru, 2016. Huwa kompla li f'dik il-korrispondenza kien hemm li kien ser isir *hearing* f'Malta f'anqas minn 36 siegha mid-data tal-ittra. Huwa qal li f'dak iz-zmien kien qieghed jghix barra minn Malta u li fil-korrispondenza ma kienx hemm xi referenza li dan kien ser ikun '*disciplinary hearing'* li seta' jirrizulta f'xi azzjoni kontrih jew tkeccija mix-xoghol.

Ix-xhud qal li bhala risposta l-avukat tieghu kien talab kopja tar-rapport li l-kumpanija kienet irceviet minghand l-ajruport ta' Aberdeen u nfurmat lill-kumpanija li huwa (l-Appellant) kien diga' ta rakkont dettaljat ta' x'sehh. Huwa qal ukoll li fl-istess risposta l-avukat tieghu ghamlet referenza ghal possibbli ftehim bonarju fuq il-kwistjoni.
Ix-xhud qal li minkejja dan l-ahhar kuntatt il-kumpanija pprocediet bit-temm tal-impjieg. Huwa sahaq li minkejja li tul dawn il-proceduri l-kumpanija ghamlet referenza ghal xi ncidenti ohra, dawn la jissemmew fil-*letter of charge* u l-anqas qatt ma nhargitlu xi twissija dwarhom.
F'dan il-kuntest, ix-xhud ghamel referenza ghall-incident li rreferiet ghalih il-kumpanija waqt dan il-process u cjoe dak tat-8 ta' Dicembru 2015. Huwa spjega li dak ix-xoghol li qed jinghad mill-kumpanija li kellu jsir minnu u ma sarx bi traskuragni, normalment isir mill-*Engineer,* u fil-fatt tali dover ma kienx imnizzel fic-*Checklist* tad-doveri tieghu. Ix-xhud kompla li meta wasal fid-destinazzjoni u cjoe Dublin, huwa ghamel kuntatt mac-*Chief Pilot* fejn spjegalu x'kien gara fejn dan min-naha tieghu qallu li ma kienx hemm il-htiega li jsir rapport. Pero' saghtejn wara dan tah direzzjoni sabiex jaghmel rapport u huwa (ix-xhud) hekk ghamel. Ix-xhud kompla li wara dan l-episodju ttiehdu l-passi necessarji kif issugerixxa hu, nkluz li tali dover jitnizzel fic-*Checklist* tad-doveri tal-Kaptan. L-ajruplan f'dan il-kaz kien Boing 737. Ix-xhud qal li dwar dan l-incident huwa kien ta spjegazzjoni shiha lil Mr. Shredder li kien ic-*Chief Pilot* Air France, fejn dan min-naha tieghu kien qallu '*....it could happen to everyone...I mean it's no big deal*'. Huwa qal li kull meta jkun hemm xi forma ta' ncident, il-Kaptan ikun irid jaghmel rapport. F'dan il-kuntest ix-xhud qal li huwa kien ghamel suggerimenti sabiex dak id-dover li kien riferut f'dan l-incident jibda jkun imnizzel fic-*Checklist* sabiex jigi evitat xi haga simili fil-futur u hekk gara ghaliex ic-*Checklist* giet emendata kif issugerixxa hu.
Dwar incident iehor riferut mall-kumpanija u cjoe dak tas-6 ta' Lulju, 2016, u li kien jirrelata ma' hsara li garrab ajruplan, ix-xhud qal li dan l-incident sehh ghaliex huwa kien priv minn informazzjoni mportanti li minflok inghatat lilu nghatat lill-*First Officer* li ma kienx mieghu, kif ukoll ghaliex il-*Ground Staff* li kienu ser jirmunkaw l-ajruplan infurmawh li ghamlu xoghol indikat minnu u li kellu jsir waqt l-irmunkar mentri fil-fatt dan m'ghamluhx.
Ix-xhud stqarr li fir-rigward ta' dawn iz-zewg incidenti l-ebda proceduri ta' dixxiplina ma ttiehdu fil-konfront tieghu, izda dwarhom ghamel biss rapport formali u li dwarhom hadd qatt ma kellmu.
F'dan li stadju x-xhud tenna dwar dawn iz-zewg incidenti huwa qatt ma nghata xi *warnings*, anzi sostna li fir-rigward tal-ewwel incident, li kieku huwa kellu xi tort, kien ghadu fil-perjodu tal-*probation* u setghu jtemmulu l-impjieg.

Ix-xhud wara ta spjegazzjoni dettaljata tal-episodju li sehh fl-ajruport ta' Aberdeen fejn sostna li f'dan il-kaz huwa ma kellu x'jaqsam ma' l-ebda nuqqas min-naha tieghu tant li meta staqsa jekk f'dak il-kaz huwa kienx ghamel xi haga hazina, r-risposta li huwa kellu kemm min-naha tal-*First Officer* De Angelis u mic-*Chief Cabin* Alexandra Caliano kienet li skont huma ma kien hemm l-ebda nuqqas min-naha tieghu. Dwar dan ix-xhud ipprezenta kopji tal-*Emails* li kienu jirreferu ghal dak li qalu z-zewg ufficcjali riferuti.
Ix-xhud kompla li wara dan l-episodju huwa ma kienx kuntent hafna jahdem ma' l-Air X., fejn sostna li anke sabiex jircievi s-salarju tieghu kien ikollu jcempel diversi drabi u kien spiss ikun mitlub jaghmel sieghat aktar wara l-hin propju tieghu. Huwa qal dan fil-kuntest li bhala pilota ta' ajruplan huwa kellu regoli stretti dwar *duty times* u sabiex ikun accertat li l-pilota ma jkunx ghajjien.
Ix-xhud spjega li kien f'dan ix-xenarju li huwa beda jhares lejn impjieg iehor, u kien hawn li bi zball kien baghat *Email* lill-*HR Department* ta' Air X meta dan ried jibghata lill-*HR* ta' Malet li hija kumpanija ohra tal-ajru Maltija. Liema kumpanija prezentament jinsab jahdem maghha qal ix-xhud. Huwa qal li bejn it-tmiem tal impjieg minn ma' Air X sa ma gie ngaggat ma' Maleth kienu ghaddew tlett xhur.
Ix-xhud qal li wara l-episodju ta' Aberdeen huwa kien qed jiehu kafe mas-Superjur tieghu *Chief Pilot* Jardin fejn gharrfu li ma kienx kuntent ma' Air X u kien qed ihares lejn impjieg iehor. Huwa qal li kien f'dan l-istant li Jardin kien qallu li l-kumpanija ma riedetx tkompli timpjegah u kellu jew jirrizenja minghajr ma jitlob kumpens jew jirvinawlu l-karriera. Ix-xhud sahaq li kien ixxukjat b'dak li qallu Jardin u f'dak l-istat ta' xokk, baghat messagg fuq *Facebook* lid-diversi kollegi li kellu mall-kumpanija fejn infurmahom li kien ser jirrizenja. Ix-xhud kompla li meta staqsa lil Jardin ghaliex kien qed jintalab jirrizenja dan min-naha tieghu wiegbu li ma kienx jaf.
Ix-xhud kompla li wara dan il-messagg, l-Erbgha 19 t'Ottubru, 2016, fis-18.30 kien ircieva *Letter of Charge* permezz ta' *Email* minghand Air X sabiex jattendi laqgha maghhom f'Malta il-Gimgha 21 t'Ottubru filghodu, fejn kien qed jigi mixli li b'attitudni aggressiva ma kienx aderixxa ma' *Airport Security*. Huwa spjega li dak iz-zmien kien qieghed bazat fi Brussels. Huwa qal li ghalih dan ma kienx *disciplinary hearing* ghaliex kieku kien ikun assistit minn avukat.
Ix-xhud kompla li wara li ma kienx attenda ghal-laqgha riferuta, huwa kien ircieva *Email* fejn kien mgharraf li huwa ma kienx attenda minghajr spjegazzjoni meta dan ma kienx minnu ghaliex il-mara tieghu bhala avukat kienet infurmathom li kien lest jattendi, izda dak in-nhar u cjoe' fil-21 t'Ottubru kien impossibbli. Huwa kompla li wara kien infurmat li kien ikkommetta *grave misconduct* u l-kuntratt tieghu gie mwaqqaf.

Ix-xhud tenna li dwar l-episodju ta' Aberdeen huwa kien baghat l-interpretazzjoni tieghu bil-miktub u dan ghamlu dakinhar stess u cjoe' fl-10 t'Ottubru u anke l-

ghada baghat aktar dettalji fuq talba tal-*HR*. Ix-xhud stqarr li wara dawn l-ispjegazzjonijiet tieghu huwa qatt ma rcieva xejn min-naha tal-kumpanija la li riedu aktar informazzjoni u l-anqas li m'humiex jaqblu ma' l-interpretazzjonijiet tieghu dwar dak li sehh f'Aberdeen.
Ix-xhud qal li r-raguni li kien qieghed ifittex impjieg iehor meta kien ghadu fl-impjieg ma l-Air X kien ghaliex ma kienx ghadu kuntent jahdem maghhom u ried itir ma' kumpanija ohra. Huwa sahaq li l-interess li jifittex impjieg iehor kien diga' fih qabel l-incident ta' Aberdeen.

- **Sintesi tat-trattazzjonijiet tal-kaz**

**Avv. Andrew Borg Cardona** ghan-nom tas-Socjeta' ntimata beda t-trattazzjoni tieghu billi qal illi l-haddiema f'dan il-qasam partikolari rari jmissu ma' Malta u fejn il-Management ma jistax ikun jaf ezatt x'gara fil-varji ajruporti, fejn l-anqas ikollu ufficcju u ghalhekk ikollu joqghod fuq ir-rapporti li jkunu saru dwar nuqqasijiet li jkunu sehhew hemmhekk u fuq ir-risposti tal-impjegat.
L-Avv. Borg Cardona sahaq illi l-Appellant ga kien jaf illi l-mod kif gab ruhu mall-Ufficcjali tal-ajruport ta' Aberdeen ma kienx accettabbli u kien jaf illi ma kienx hemm futur mall-kumpanija. Tant kompla l-Aukat illi huwa talab impjieg post iehor, qisu qed jaccetta li kellu tort, illi jaccetta li r-relazzjoni spiccat.
L-Avv. Borg Cardona temm billi qal li fic-cirkostanzi kollha tal-kaz hemm tkeccija ghal ragunijiet tajba u sufficjenti skond il-ligi.

**Avv. Christine Callejja** ghan-nom tal-Appellant bdiet l-argumenti taghha billi qieset bhala argument mhux accetabbli li ghaliex impjegat ikun beda jfittex impjieg alternattiv ikun ifisser li qieghed jaccetta li jkun ghamel hazin u 'minflok ikeccuni allura ahjar nitlaq', u dan fil-kuntest li l-Appellant ghamel tlett xhur bla xoghol.
L-Avv.Callejja sostniet li l-Appellant beda jfittex xoghol mhux biss minhabba l-incidenti riferuti f'dan il-process izda minhabba affarijiet ohra bhal dewmien fil-hlas tal-paga, u hafna sieghat ta xoghol li suppost ma kienx qed jaghmel.
L-Avv. Callejja sostniet li dwar dak li sehh fl-ajruport ta' Aberdeen, l-Appellant kien ta' l-verzjoni tieghu tal-fatti kif sehhew, verzjoni li giet korraborata minn zewg kollegi Cariano u DeAngelis li kienu *crew members* mieghu dakinhar.
Izda, kompliet l-Avukat, il-kumpanija strahet fuq dak li ntqal lilha mill-*Ground Handling* ta' l-ajruport ta' Aberdeen, ma tatx kaz ta' zewg impjegati taghha stess u ghaddew biex keccew lill-Appellant.
L-Avv. Callejja wara rreferiet ghal zewg rapporti dwar incidenti li ssemmew matul il-process. Rapporti/incidenti tenniet l-avukat, li dwarhom ma kienu nhargu l-ebda *warnings*. Hija sahqet li filwaqt li matul il-process sar accenn qawwi fuq dawn, fil-*letter of charge* li wasslet ghat-temm tal-impjieg kien issemma biss l-incident ta' Aberdeen.
l-Avv. Callejja wara ghaddiet sabiex telenka dak deskritta bhala nuqqasijiet fil-procedura ta' dixxiplina adottata, b'mod partikolari ghall-ittra li kienet intbaghtet

lill-Appellant li kien jghix il-Belgju, sabiex fi zmien jumejn jigi Malta sabiex jattendi laqgha. Ittra tenniet l-avukat li ma kienetx tindika li tali laqgha kienet *disciplinary hearing* u jew li tali *meeting* seta' jwassal ghal tkeccija mill-impjieg. Hija qalet dan fil-kuntest li minkejja li l-Appellant kien avza li ma setax jattendi xorta tterminawlu l-impjieg.
L-Avv. Callejja kompliet billi rreferiet ghal dak li c-Chief Pilot Jardin kien qal lill Appellant '…isma l-kumpanija qed tipprova tehles minnek', tipo rrizenja , halli nispiccaw bit-tajjeb.
L-Avv. Callejja ghalqet billi talbet lit-Tribunal jiddikjara li l-impjieg riferut gie terminat illegalment u jillikwida kumpens xieraq li ghandu jithallas mill-kumpanija.

- **Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal**

Dan it-Tribunal xtarr bir-reqqa dovuta kull dettall li hareg waqt dan il-process u b'mod partikolari dawn il-punti:

a) li l-incident ta' Aberdeen sehh nhar 10 t'Ottubru, 2016.

b) li l-Appellant Sherman dakinhar stess u anke l-ghada kien baghat spjegazzjonijiet tieghu dwar l-incident lill-*OPS* u lill-*HR* rispettivament.

c) li fil-frattemp kien gie kkuntatjat informalment minn Gregory Jardin *Fleet Manager* sabiex jirrizenja ghaliex il-kumpanija ma kellhiex intenzjoni izzommu fl-impjieg.

d) li nhar it-13 t'Ottubru, 2016, il-*Management* tal-kumpanija kien gie konxju li l-Appellant Sherman kien qed jinteressa ruhu f'impjieg ma' Maleth Aero.

e) li fis-17 t'Ottubru, l-mara tal-Appellant, l-Avv. Carole De Roeck kitbet lill-*HR* fejn gharrfithom dwar talbiet tieghu fid-dawl li xtaquh jirrizenja.

f) li jumejn wara u cjoe' fid-19 t'Ottubru nharget *Notice of Charge* b'referenza ghall-incident ta' Aberdeen. Fl-istess korrispondenza l-Appellant gie mgharraf li kien ser isir smiegh tal-kaz il-Gimgha 21 t' Ottubru.

g) li l-ghada u cjoe' fl-20 t'Ottubru, l-Avv. De Roeck talbet ghal aktar informazzjoni u kjarifiki dwar l-akkuzi li l-Appellant kien qed jigi mixli bihom u anke nformat li kien impossibbli li huwa jattendi fid-data ndikata.

h) li fil-21 t'Ottubru, l-Appellant ircieva *E-mail* fejn gie mgharraf li s-smiegh kien ser jipprociedi xorta wahda minkejja l-assenza tieghu.

i) li fis-27 t'Ottubru, l-Appellant kien gie nformat li l-impjieg tieghu kien gie fi tmiemu wara konsiderazzjonijiet mehuda fl-istess smiegh.

Fl-inkwadratura ta' dawn il-punti u tax-xhieda kolha moghtija, dan it-Tribunal ghamel dawn l-osservazzjonijiet:

Biex ikun sostnut l-argument li d-decizjoni ta' tkeccija ma saritx minhabba kaz wiehed izda wara tlett kazi, matul dan il-process min-naha tal-Kumpanja gew riferuti zewg incidenti ohra meqjusin minnha bhala serji (dak ta' Dublin u dak ta' Praga) u li sehhew f'Dicembru 2015 u Lulju 2016 rispettivament, apparti l-incident ta' Aberdeen.

Izda dan it-Tribunal jaghraf li matul il-process qatt ma gie ndikat min-naha tal-kumpanija, li fir-rigward ta' l-ewwel zewg episodji kienu ttiehdu xi passi dixxiplinari fil-konfront tal-Appellant, jew ta' l-inqas inghatatlu xi forma ta' ammonizzjoni li jekk ikun hemm xi repetizzjoni ta' xi nuqqas jittiehdu passi dixxiplinarji li jkunu jistghu jinkludu terminazzjoni tal-impjieg.

Di piu' meta sehh l-incident ta' Dublin deskritt bhala serju, l-impjieg kien ghadu fiz-zmien tal-*probation*, fejn allura l-impjieg seta' jigi mitmum sahansidra anke minghajr il-htiega ta' gustifikazzjoni.

Il-fatt li madwar 7 ijiem qabel harget in-*Notice of Charge* l-Appellant kien diga' gie kkuntattjat informalment minn Gregory Jardin *Fleet Manager* sabiex jirrizenja ghaliex il-kumpanija ma kellhiex intenzjoni zzommu fl-impjieg, ghal dan it-Tribunal hija ndikazzjoni cara li d-destin tal-impjieg tal-Appellant kien diga' gie mfassal qabel inbeda l-process propju ta' dixxiplina. Tajjeb jinghad li matul dan il-process, tali stqarrija maghmula mill-Appellant, ma gietx kontradetta mill-kumpanija.

It-Tribunal ma giex konvint li d-decizjoni li jintemm l-impjieg tal-Appellant ittiehdet esplicitament minhabba ragunijiet konnessi mall-incident li kien sehh fl-ajruport ta' Aberdeen nhar l-10 t'Ottubru, 2016, u li konsegwentament tieghu kienet inharget ic-*charge* kontra l-Appellant.

Din il-fehma aktar ikkonkretizzat meta kkombacata ukoll mall-fatt li l-istess *Notice of Charge* inharget mill-*HR* jumejn biss wara li l-Avv. De Roeck kienet ikkorrispondiet ma' l-istess *HR* in konnessi mar-rizenja li huma (l-kumpanija) xtaqu li zewgha jaghmel. F'liema korrispondenza kienu saru talbiet finanzjarji min-naha tal-Appellant li kieku kellu jaccetta li jirrizenja.

It-Tribunal huwa tal-fehma li l-konoxxenza min-naha tal-*Management* li l-Appellant nhar it-13 t'Ottubru, 2016, kien ikkuntattja azjenda kompetitrici u cjoe' Maleth, sabiex jaqbad jahdem maghhom u li nhar is-17 t'Ottubru, 2016, permezz tal-Avv. De Roek kien ghamel talbiet konnessi mar-rizenja li huma (l-kumpanija) xtaquh jaghmel, effettivament kienu l-pern tad-decizjoni li l-impjieg jigi mitmum.

Huwa minnu li min-naha tal-kumpanija nghad li d-decizjoni li jintemm l-impjieg ittiehdet wara li kien sar smiegh dixxiplinarju, izda, x-xenarju li fih sehh dan is-

smiegh, joghrok bis-shih ghajnejn dan it-Tribunal. Dan it-Tribunal osserva li l-Appellant gie avzat ftit tal-granet biss qabel id-data tas-smiegh li kellu jsir f'Malta, u dan propju meta l-kumpanija kienet taf li l-Appellant kien jghix fil-Belgju. Dan it-Tribunal osserva ukoll li s-smiegh baqa' ghaddej xorta wahda fl-assenza tieghu minkejja li l-kumpanija kienet informata li dakinhar ma setax jattendi.

Dan jmur lil hinn ferm minn opportunita ta' smiegh xieraq kif titlob l-etika gustizzjarja fil-qasam ta' proceduri dixxiplinarji fuq il-post tax-xoghol.
Dan l-aktar meta l-istess proceduri possibilment ikunu jistghu jwasslu ghal terminazzjoni tal-impjieg kif effettivament sehh fil-kaz ittrattat.

Proceduri ta' dixxiplina m'ghandhom qatt iservu ta' kamuffa ghal decizjoni li diga' tkun kontemplata.

**Decizjoni**

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz kif gew esposti f'dan il-process, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi li t-terminazzjoni tal-impieg tal-Appellant ma kienetx wahda gusta.

F'din ic-cirkostanza t-Tribunal jiffissa l-kumpens dovut lill-Appellant fl-ammont ta' €12,000. Liema ammont irid jithallas mis-Socjeta' ntimata fi zmien sitt gimghat mid-data ta' din id-decizjoni.

Ghall-finijiet ta' Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' €93.17.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(Iffirmat)
**Charles Cassar**
**Chairman**

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**